

# L-Oriġini tal-Antifona tal-Kunċizzjoni

## Informazzjoni miġbura mill-fuljett Bormla – Leħen il-Belt tal-Immakulata



Mro Carlo Diacono

Jekk aħna l-Bormliżi aħna magħrufa għal xi ħaġa partikolari fil-festa tagħna, żgur li huma l-Festi Interni bid-diversi Ċelebrazzjonijiet Liturġiċi li dawn iġibu magħhom, l-aktar il-Jum tat-8 ta' Diċembru li jilħaq il-qofol tiegħu filgħaxija. Żgur li kull Bormliż, bi ħġaru jkun qed jistenna l-mument li fih, il-vara tal-Kunċizzjoni tiddaħħal lura fil-Knisja biex flimkien inkantaw l-Antifona ta' Diacono. Imma minn fejn oriġinat din l-antifona?

F'artiklu li kien kiteb il-Kanonku Richard Attard, fil-Fuljett 'Bormla' maħruġ f'Diċembru 1980, kien ta l-esperjenza tiegħu dwar dan is-suġġett u ta deskrizzjoni li skont hu, kien tahielu is-Surmast Carlo Diacono nnifsu fil-Festa tal-1936, jiġifieri tlettax-il sena wara li nkitbet l-istess Antifona.

Fi kliem Diacono, il-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' Bormla kien bagħat għalih u hu deher quddiem il-Kanonku Cauchi, li dak iż-żmien kien Arċipriet tal-Kolleġġjata u quddiem tliet Kanonċi oħra, jiġifieri t-Teżorier il-Kanonku Morana, it-Teologu il-Kanonku Camilleri u l-Kanonku Moretti li kien prokoratur tal-Fratellanza tal-Kunċizzjoni.

L-ewwel aħbar li kien ingħata kienet li l-Kapitlu kien għażlu biex ikun il-Maestro di Cappella tal-Kolleġġjata. It-tieni ħaġa kienet li 'riduh jikteb Antifona fuq l-istil ta' 'Massnett' u 'Cilea', jiġifieri li tkun mitfugħa aktar fuq il-korda.' Dan kien l-istess stil li kellu s-Surmast Paolino Vassallo. Għas-Surmast Diacono, din kienet aħbar ta' ferħ u fi kliemu stess skont kif irrakkuntat mill-Kanonku Attard, 'qabiżlu d-dmugħ' anki minħabba l-fatt li s-Surmast Vassallo kien is-Surmast tiegħu. Għamlu enfasi li riedu stil devot li jixraq lill-Madonna. Is-Surmast Diacono wegħedhom li ser jagħmel li jista' biex jissodisfa lilhom u lill-poplu Bormliż.

Fl-artiklu tiegħu, il-Kanonku Richard Attard ikompli jgħid, li s-Surmast Diacono, qabel beda jikkomponi kien jiġi ta' spiss Bormla biex iżur il-Kwadru Inkurunat. Huwa dam fil-Kor għal madwar sagħtejn u kien minnu li ħa l-ispirazzjoni biex wasal u kkompona l-mużika tal-Antifona. Fuq dan Diacono kien qal hekk:

'L-ewwel battuti tat-Timpani mal-Orkestra (introduzzjoni) tfisser 'it-Tqanqila tas-Sema Ferħan', (il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu), għall-ħsieb ta' din il-Kreatura Privileġġjata, kif hemm fil-Kwadru. Din hija l-ewwel parti. It-tieni parti, 'Hodie' hija deskrizzjoni ta' min Hija din il-Kreatura. Hawn jidħol il-Kor tal-Anġli, parti kantata minn Tenuri u Baritoni. It-tielet parti hija l-Wegħda tal-Ġnien tal-Eden, kantata b'ferħ



Wieħed mill-isbaħ mumenti għalina l-Bormliżi, waqt il-Kant tal-Antifona

kbir mill-Arkanġlu Gabriel u parti oħra kantata mit-Tenur. Ir-Raba' u l-aħħar parti turi l-ferħ tad-Disa' kori tal-Anġli, jiġifieri 'Alleluia, Alleluia, Alleluia'.

B'hekk nistgħu ngħidu li fl-Antifona għandna tifsira tal-Kwadru Titulari mfisser mużikalment. Is-Surmast Diacono kien itenni bosta drabi li l-Kapitlu tal-Kolleġġjata kien feraħlu bosta drabi għal din il-kompożizzjoni u kien iżid ukoll li din kienet l-aqwa Antifona li ħarġitlu.

Minn meta nkiteb l-artiklu li minnu ġiet kwotata din il-kitba, sal-lum, għaddew erbgħin sena. Ġenerazzjoni wara ġenerazzjoni kibret tkanta l-Hodie. Nappella lill-ġenituri Bormliżi biex kif missirijietna għamlu magħna, aħna wkoll inkomplu nrawmu u ngħallmu l-versi tal-Antifona biex din it-tradizzjoni tkompli tintiret minn ġenerazzjoni għall-oħra.

**Referenzi:**

Attard, Kan. R., Bormla – Fuljett Parrokkjali, Diċembru 1980, pp. 12.